SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 16/K7/13**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 27/06/'13 299**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 27/06/'13 354**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 27 ta' Ġunju 2013

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Connie Said

1.04 Assenti: (0)

1.05 Skużati: (1) Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli (Ara. Inc. 3528/13)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-21 ta' Ġunju 2013. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sal- 31 ta' Marzu 2013
4. Aġġornament – Proġett tal-*Public Private Partnership*
5. Festa Titolari
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 15/K7/13 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 15/K7/13.

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Ma kienx hemm Minuti ta' Kumitat Amministrattiv Paceville għall-approvazzjoni peress li l-laqgħa ta' nhar it-Tnejn 24 ta' Ġunju 2013 ġiet posposta.

1.3.06 Ic-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss item 3 qabel item 2.

1.3.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**3. Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2013**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2013 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 L-Accountant tal-Kunsill Ms. Johanna Caruana tat spjegazzjoni ddettaljata tar-Rapport Finanzjarju

3.03 Fir-rigward it-"tiswijiet u manutenzjoni tat-toroq'', il-Kunsill ġie ppreżentat ukoll bi '*draft*' rapport sat-30 ta' Ġunju 2013 (Ara Appendiċi 'B'). Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill biex ikun aktar kawt bl-approvazzjonijiet tax-xogħolijiet li qed isiru.

3.04 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju.

3.05 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

3.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.07 L-Accountant ġiet skużata fis-3.00p.m.

3.08 Ġie deċiż unanimament li jiġi nfurmat il-Ministru għat-Turizmu, l-Onor. Karmenu Vella kif ukoll is-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali, Dott. Jose' A. Herrera biex il-Kunsill jingħata fondi addizzjonali għall-ammont ta' € 248,300.00.
Dan sabiex il-Kunsill ikun jista jagħti servizz addizzjonali ta' ġbir ta' skart domestiku, tal-borża s-sewda, nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa meta f'dawk il-ġranet normalment tinġabar il-borża l-griża biss.

## 2. Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru.** **Korrispondenza**

2839 Email mingħand is-Sinjura Angela Scerri rigward tisbieħ tal-ġnien ta' Casa Leone.

3150 Ittra mingħand id-Dilettanti Knisja ta' Lapsi rigward talba għall-għajnuna finanzjarja.

3199 Email mingħand il-Perit Audrey Testaferrata Denoto rigward it-tabella ta' parkeġġ ta' vetturi bl-*exhaust pipe* 'l barra fi Triq William Hardman.

| | |
|---|---|
| K644,3208 & 3300 | Korrispondenza rigward il-*Commuted Parking Scheme* |
| 3397 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 11/2013 – Ħlas ta' taxxa u tal-bolla tas-Sigurta' Soċjali. |
| 3433 | Ittra mingħand is-Soċjeta' Mużikali tal-Karmnu, Balluta rigward l-attivitajiet li jsiru fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu Balluta. |
| 3452, 3453, 3480, 3588 & K837 | Korrispondenza rigward is-sit fi Triq Michelangelo Borg kantuniera ma' Triq Mikiel Anton Vassalli fejn qed tinbena d-dar ta' l-anzjani. |
| 3528 | Email mingħand il-Vici Sindku is-Sur Charles Camenzuli rigward l-attendenza tiegħu għal-laqgħa tal-Kunsill. |
| 3538 & 3586 | Email mingħand l-Avukat Stefano Filletti rigward *Health Hazard* bil-ħamiem in-naħa tal-Pjazza Balluta. |
| 3618 | Ittra mingħand Għaqda tal-Ġostra rigward il-kompetizzjoni tal-ġostra li ssir kull sena. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif Nru: 2839**

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Angela Scerri rigward tisbieħ tal-ġnien ta' Casa Leone. Ġie deċiż unanimament li Ms Scerri tiġi nfurmata li peress li Casa Leone hija privata, il-Kunsill ma jistax jagħmel ix-xogħol li ġie mitlub.

**Rif Nru. 3150**

2.03 B'riferenza għall-ittra mingħand id-Dilettanti Knisja ta' Lapsi rigward talba għal għajnuna finanzjarja ġie deċiż unanimament li din it-talba tiġi riferuta lill-Green MT biex tiġi applikata l-klawsola 'I' tal-kuntratt.

**Rif. Nru. 3344**

2.04 B'riferenza għall-korrispondenza dwar l-attivitajiet fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu Balluta, il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ressqet l-oġġezzjonijiet tar-residenti minħabba l-inkonvenjent li jinħoloq.

**Rif Nru. 3528**

2.05 B'riferenza għall-email mingħand il-Viċi-Sindku, is-Sur Charles Camenzuli rigward l-attendenza għal-laqgħa ta' Ġunju 2013, ġie deċiż unanimament li jiġi skużat.

2.06 **Rif Nru. 3538 & 3586**

B'riferenza għall-korrispondenza fir-rigward il-problema tal-ħamiem, iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li minn informazzjoni li ngħata mingħand is-Sur Attard Kingswell, is-Sanita' għaddejja bi proġett li la darba dan jiġi approvat, dan ser japplika għal-Malta kollha. Jidher li dan is-servizz ser jingħata bla ħlas. Għaldaqstant ġie deċiż unanimament li l-Avukat Dr. Stefano Filletti jiġi nfurmat b'din l-informazzjoni.

**4. Aġġornament – Proġett tal-*Public Private Partnership***

4.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li rċieva r-rati riveduti tal-kuntrattur (Ara Appendiċi 'C' – Inc. 3006/13, 3060/13 u 3070/13) u li ntbagħtet it-talba tal-Kunsill lid-Direttur għall-Gvern Lokali fil-5 ta' Ġunju 2013 ara K731/Tend.Fl/13-MC u reġgħet ntbagħtet reminder fis-17 u fil-25 ta' Ġunju 2013, iżda sallum il-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta. (Ara Appendiċi 'D').

4.02 Fir-rigward Triq Claire E. Engel il-Kunsill qabel unanimament li l-Perit jiġi mitlub jiċċertifika s-sitwazzjoni tat-triq, u jekk ma jkunx hemm oġġezzjonijiet, isir il-ħlas tal-flus li ġew miżmuma.

**5. Festa Titolari**

5.01 Għal żmien il-festa titolari ġie deċiż unanimament li jsiru dawn l-attivitajiet :-

(a) issir bibita għall-bandisti taż-żewg baned. Din l-attivita' ser issir fuq jumejn f'dik il-ġimgħa ta' qabel il-festa;

(b) B'kollaborazzjoni ma' l-Għaqda tal-Ġostra ser tittella kompetizzjoni. Għal din l-attivita', il-Kunsill ser iħallas l-ammont ta' €200 bħala parti mill-ispejjeż.

5.02 Fir-rigward il-ftehim li hemm mal-bejjiegħa li jarmaw waqt il-festa titolari, ġie deċiż unanimament li jintalab parir legali jekk dan il-ftehim huwiex validu, jew jistax jinbidel peress li l-imsemmi ftehim m'għandux data ta' tmiem.

**6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

6.02 Il-Kunsillier Anthony Grech ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsillier Norman Vella issekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3415 sa 3439 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'F').

7.02 Il-Kunsillier Anthony Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3415 sa 3439.

7.03 Il-Kunsillier Alex Grech issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8. Materji Oħra**

8.01 Il-Kunsill ġie pprezentat bil-minuti tal-laqgħa li saret nhar il-Hamis 30 ta' Mejju 2013, mal-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, l-Onor. Joe Mizzi. Saret riferenza wkoll għall-

laqgħa nformali li saret l-Erbgħa 5 ta' Ġunju 2013 dwar il-proposti għal San Ġiljan u għall-korrisondenza K760/210-13/13-MC, li ntbagħatet lill-Ministru Mizzi (Ara Appendiċi 'G').

8.02 Qed tinġibed l-attenzjoni li l-Amministrazzjoni tal-Kunsill ġiet nfurmata verbalment li d-Dipartiment tal-Cleansing Services, għal sena oħra, qed jipprovdu servizz addizzjonali tal-knis u ħasil ta' toroq f'Paceville u San Ġiljan. Dan kif ġej:-

**a) KNIS**

Kulljum mit-Tnejn sal-Ħadd, in-naħa ta' fuq u n-naħa ta' isfel ta' Paceville.

**b) ĦASIL**

Mit-Tnejn sal-Ħadd. Ġurnata jsir il-ħasil in-naħa ta' fuq ta' Paceville u l-ġurnata ta' wara jsir il-ħasil in-naħa ta' isfel ta' Paceville.

**c) ĦIN**

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa s-servizz jibda mill-4.00a.m. filwaqt li s-Sibt u l-Ħadd is-servizz jibda fil-5.30a.m.

8.03 Is-servizz beda mid-19 ta' Ġunju 2013, u ser jibqa' għaddej sal-aħħar ta' Settembru 2013.

8.04 Knis u ħasil tal-promenade minn quddiem il-Wembley, Triq San Ġorġ sa ħdejn il-Barracuda fi Triq il-Kbira. Dan is-servizz isir darba fil-ġimgħa biss sbieħ il-Ħadd filgħodu fis-2.30a.m. Is-servizz beda nhar il-Ħadd 23 ta' Ġunju 2013.

8.05 Ġie deċiż unanimament li:-

a) jinxtara ipad għal użu tas-Sindku

b) b'Rif. għal-Minuti 37/K6/10 Taqsima 10, Paragrafu 10.06 (Ara Appendiċi 'H'), minflok 'netbook' jinxtara 'ipad' għal użu tas-Segretarju Eżekuttiv.

c) tintbgħat ittra lis-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali, Dott. Jose' A. Herrera biex jiġi provdut servizz ta' mini van għar-residenti.

d) tiġi nfurmata l-Pulizija sabiex jitneħħa l-banner ta' l-Scotts li hemm fuq il-bridge ta' ħdejn il-knisja Lapsi peress li dan qiegħed hemm bla permess tal-Kunsill.

e) tintbagħat reminder lil-Perit Lucien Stafrace rigward il-'One Way System' ta' Triq Claire E. Engel.

f) il-laqgħat li jmiss għat-tlett xhur li ġejjin ser isiru nhar il-Ħamis 25 ta' Lulju, il-Ħamis 8 t'Awissu u l-Ħamis 26 ta' Settembru 2013 fis-2.30p.m.

8.06 Il-Laqgħa ntemmet fil-4.45p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |